PORZJONI RISERVATA

PORZJONI DISPONIBBLI

RINUNZJA TA' WIRT

LEGAT

PRESKRIZZJONI - ARTIKOLU 845 TAL-KAP 16

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Gunju 2016

**Kawza Numru : 30**
**Rikors Guramentat Numru : 983/2009/LSO**

**Professur Joseph Troisi**

**vs**

**Anthony Troisi sive Anthony Troisi de Menville**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-Professur Joseph Troisi datat 13 ta' Ottubru 2009 fejn espona: -

Illi l-kontendenti huma ahwa, l-unici ulied ta' Georgina u zewgha Richard Troisi li mietu fis-17 ta' Awwissu 1998 u fis-27 ta' Dicembru 2008 rispettivament, skont ma jirrizulta ahjar mic-certifikati tal-mewt taghhom annessi u mmarkati **Dokument RA 1** u **Dokument RA 2**.

Illi omm il-kontendenti, Georgina Troisi, mietet testata, u l-wirt taghha huwa regolat b'testment *unica charta* tas-26 ta' Settembru 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Gatt. Qed jigu annessi r-ricerki testamentarji relattivi u markati bhala **Dokumenti RA 3** u **Dokument RA 4**, u t-testment pre-citat li qed jigi mmarkat bhala **Dokument RA 5**, minn fejn jirrizulta *inter alia* li l-intimat thallielu prelegat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti, ta' dar bla numru, bl-isem ta' "Troisi de Menville" fi triq gdida bla isem maghrufa New Street off Saint Francis Street, Hal Balzan u l-oggetti mobbli ta' gewwa fiha, mentri lir-rikorrent thallielu prelegat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti, ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) u nnominaw liz-zewg kontendenti eredi universali taghhom;

Illi missier il-kontendenti, Richard Troisi, miet testat, u l-wirt tieghu huwa regolat b'zewg testmenti, wiehed *unica charta* tas-26 ta' Settembru 1983 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony

Gatt (hawn fuq citat) u l-iehor addizzjonali tat-2 ta' Mejju 2001 fl-atti tan-Nutar Mario Felice. Qed jigu annessi r-ricerki testamentarji relattivi u markati bhala **Dokumenti RA 6** u **Dokument RA 7**, u t-testmenti pre-citati li qed jigu mmarkati bhala **Dokument RA 5** u **Dokument RA 8**;

Illi permezz tat-tieni testment addizzjonali tieghu (**Dokument RA 8**) it-testatur Richard Troisi *inter alia* hassar il-prelegat ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) gja mholli lir-rikorrent fit-testment *unica charta* inkwantu jirreferi ghas-sehem li kien gej minghand it-testatur u minflok halla lir-rikorrent legat ta' hames mija u sittin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm560.63);

Illi apparti diversi dispozizzjonijiet ohra fit-tieni testment addizzjonali, it-testatur Richard Troisi, ikkonferma t-testment *unica charta* precedenti tieghu inkwantu kompatibbli u allura kkonferma l-prelegat tad-dar "Troisi de Menville" f' Hal Balzan imhollija lill-intimat;

Illi rrizulta li din id-dar, ossija *bungalow* imhollija b'legat lill-intimat fil-fatt kienet diga' nghatat lill-istess intimat b'titolu ta' donazzjoni minn missier il-kontendenti u dan permezz ta’ att pubbliku tad-29 ta' Dicembru 1999 in atti Nutar Dr. Mario L. Felice, liema att pubbliku sar wara li mietet l-omm u minn wara dahar ir-rikorrent; Illi din id-donazzjoni taqbez is-sehem li d-donatur seta' jiddisponi minnu u allura l-istess donazzjoni hija suggetta ghar-riduzzjoni;

Illi permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata kontestwalment fir-registru tal-qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, ir-rikorrent irrinunzja ghall-wirt ta' missieru Richard Troisi u zamm il-jedd ghas-sehem rizervat li jmiss lilu skont il-ligi kif ukoll il-jedd li jitlob il-legati mhollija lilu minn missieru Richard Troisi permezz tat-testmenti precitati;

Illi ghaldaqstant, l-esponent huwa ko-eredi fis-sehem ta' nofs (1/2) indiviz kif ukoll prelegatarju fil-wirt ta' ommu Georgina Troisi, filwaqt li huwa dovut lilu s-sehem rizervat mill-beni ta' missieru Richard;

Illi minkejja diversi sforzi min-naha tar-rikorrent sabiex jasal ghal transazzjoni mal-intimat dwar il-mertu ta' din il-kawza, l-istess intimat kien altament intransigenti u ma halla l-ebda alternattiva lir-rikorrent hlief li jirrikorri quddiem din il-Qorti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex :

1. Tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn Richard u Georgina Troisi u filwaqt li taqsam l-istess assi tal-komunjoni f'zewg porzjonijiet ugwali tassenja wahda lill-assi partikolari ta' Richard Troisi u l-ohra lill-assi partikolari ta' Georgina Troisi;

2. Tillikwida l-assi partikolari ta' Richard Troisi u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni ta' l-akkwisti lilu assenjata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Georgina Troisi u tiddikjaraha tikkonsisti fil-porzjon tal-komunjoni ta' l-akkwisti lilha assenjata u f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt il-kawza;

4. Tordna l-hlas u l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat li thalla lir-rikorrent minn Georgina Troisi, prevja dikjarazzjoni li dan il-jedd huwa hekk spettanti lir-rikorrent;

5. Taqsam l-assi partikolari ereditarji hekk likwidati ta' Georgina Troisi f'zewg (2) ishma ta' nofs (1/2) indiviz kull wiehed, u tassenja sehem hekk likwidat u maqsum lil kull wiehed mill-kontendenti;

6. Tillikwida s-sehem rizervat dovut lill-esponent Joseph Troisi mill-eredita' ta' missieru Richard Troisi, u dan okkorrendo bl-opra ta' perit nominandi u permezz tar-riduzzjoni tad-donazzjoni tad-dar ossija *bungalow* f’ Hal Balzan moghtija b'donazzjoni lill-intimat, prevja dikjarazzjoni li hu dovut li jithallas dan is-sehem riservat lir-rikorrent;

7. Tordna lill-konvenut ihallas lill-esponent is-sehem rizervat hekk likwidat u dovut;

8. Tinnomina Nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dekorribbli skont kif stipulat fl-artikolu 615 tal-Kapitolu 16, kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-15 ta' Frar 2010.

Rat ir-risposta guramentata ta' Anthony Troisi de Menville datata 28 ta' Jannar 2010 (fol 38) fejn espona:

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi fit-tieni lok l-esponenti wiret il-proprjeta` li tinsab il-Balzan bhala legatarju u dan skont l-artikolu 709 tal-Kap 16 u b'hekk ma tifformax parti mill-assi ereditarji.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost r-rikorrenti ghandu jgib il-prova tar-rinunzja tal-wirt bir-rizerva ghall-legittima ghax fin-nuqqas jirrizulta illi r-rikorrenti ma ghandux interess guridiku.

4. Illi t-talbiet sabiex r-rikorrenti jippartecipa f' nofs is-sehem indiviz kif ukoll prelegatarju fil-wirt ta' ommu Georgina Triosi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 845 tal-Kap 16.

5. Illi r-rikorrenti ghandu jgib il-prova li ma ppartecipax f' ebda *atto di erede* sabiex jkun jista' jsostni t-talbiet tieghu;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-artikolu 648 *et sec* tal-Kap 16 ghandu japplika u jekk ir-rikorrenti ibbenefika minn xi assi matul il-hajja ta' missieru u ommu dawn ghandom jidhlu fis-sehem tal-leggittima tieghu.

7. Illi ma jistax tigi akkolta l-ewwel talba u t-tieni tar-rikorrenti ghax l-istess testmenti taw legat favur l-esponenti.

Rat ir-rikors tal-attur il-Professur Joseph Troisi datata 23 ta' Dicembru 2011 a fol 134 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tawtorizza t-tibdil fir-rikors guramentat promutur tieghu fis-sens li fejn il-premessi u t-talbiet jirreferu ghal-legat/prelegat tad-dar hawn imsemmija u r-riduzzjoni tal-istess, partikolarment fis-sitt talba tal-attur, din l-istess riduzzjoni tal-legat tittiehed li hija minflok talba ghar-riduzzjoni tad-donazzjoni tal-*bungalow* f' Hal Balzan moghtija lill-intimat, u dan taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din il-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ulterjuri ta' Anthony Triosi *sive* Anthony Triosi de Menville datata 3 ta' Lulju 2012 a fol 155 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu kkonferma:

1. Illi dak li qieghed jigi allegat fl-amenda numru sitta hija totalment zbaljat u infondat kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt *stante* li l-esponenti kien l-ewwel wiret is-sehem minn ommu rizultanti tat-testment datata 3 ta' Ottubru 1983 quddiem in-Nutar Anthony Gatt li wara l-mewt taghha

fis-17 ta' Awwissu 1998 wiret nofs is-sehem indiviz ta' din id-dar ossia *bungalow* u wara b'titolu ta' donazzjoni minn missieru b'att pubbliku datat 29 ta' Dicembru 1999 fl-atti tan-Nutar Dr Mario Felice gie donat in-nofs indiviz ta' din id-dar u ghalhekk zgur li ma jaqbizx is-sehem li d-donatur seta' jiddisponi minnu u ghalhekk mhix soggetta ghall-ebda riduzzjoni u *di piu`* l-attur ha sehemu minn wirt meta ha ghalih l-ammont ta' tnax-il elf Liri Maltin (Lm12,000) qabel il-mewt ta' missieru li kienu miktuba lilu fit-testment.

2. Illi qieghed jigi ccarat illi dak li ta b'donazzjoni l-mejjet Richard Troisi kien biss nofs is-sehem indiviz tal-*bungalow* u ghalhekk ma hemm xejn mis-sehem rizervat dovut lill-Joseph Triosi u dan kif ser jigi muri waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur il-Professur Joseph Troisi KI 659244M datata 15 ta' Dicembru a fol 350 tal-process.

Rat in-nota responsiva ta' Anthony Troisi *sive* Anthony Troisi de Menville datata 15 ta' Frar 2016 a fol 366 tal-process

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma inkluz dak tal-Hamis, 10 ta' Marzu 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Mark Portelli ghall-attur. Deher il-konvenut assistit minn Dr Martin Fenech. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-

sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' din il-kawza qed jintalab il-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Richard u Georgina Troisi, il-likwidazzjoni tal-assi ta' Richard Troisi, kif ukoll il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-assi ta' l-eredita` ta' Georgina Troisi. Inoltre`, l-kawza hi mmirata sabiex ir-rikorrent jiehu s-sehem riservat dovut lilu mill-assi ereditarju ta' missieru, Richard Troisi, li miet fis-27 ta' Dicembru 2008, u kif ukoll sehemu mill-wirt ta' ommu Georgina Troisi li mietet fis-17 ta' Awwissu 1998.

L-intimat laqa' billi qal li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Gie eccepit li hu wiret il-proprjeta` msemmija fir-rikors promotur f'Hal Balzan bhala legatarju, ghalhekk din il-proprjeta` ma tistax tifforma parti mill-assi ereditarju. Illi gie eccepit ukoll li r-rikorrent irid igib il-prova tar-rinunzja tal-wirt bir-riserva ghal-legittima, u prova li ma ppartecipax f'ebda atti *di erede*. F'termini legali, gie eccepit li t-talba tar-rikorrent biex jippartecipa fil-wirt ta' ommu hi preskritta *ai termini* tal-**artikolu 845 tal-Kap 16**, u li d-donazzjonijiet li rcieva r-rikorrent ghandhom jitnaqqsu mis-sehem tieghu a bazi tal-**artikolu 648 tal-Kap 16**. Gie sostnut ukoll li l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrent ma

jistghux jintlaqghu *stante* legat favur l-intimat permezz tat-testmenti esebiti.

**Fatti:**

Jirrizulta li l-partijiet fil-kaz in ezami huma ahwa, u l-unika zewg eredi tal-konjugi Richard u Georgina Troisi. Illi Georgina Troisi mietet fis-17 ta' Awwissu 1998 **Dok RA1** (fol 6). Illi l-konjugi Troisi kienu ghamlu testament *unica charta* fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt datat 26 ta' Settembru 1983, **Dok RA5** (fol 18-22) minn fejn jirrizulta li thalla fi prelegat lill-intimat id-dar "Troisi de Menville" fi Triq il-Gdida bla isem maghrufa New Street off St. Francis Street, Hal Balzan u l-oggetti mobbli ta' go fiha, filwaqt li r-rikorrent thallielu prelegat ta' Lm12,000. Jirrizulta li qabel il-mewt tieghu fis-27 ta' Dicembru 2008, **Dok RA2** (fol 7), Richard Troisi kien ghamel testament iehor fl-atti tan-Nutar Mario Felice datat 2 ta' Mejju 2001 esebit bhala **Dok RA8** (fol 28-30), fejn ir-rikorrent thalla b'titolu ta' prelegat l-ammont ta' (Lm560.63). In segwitu, r-rikorrent irrinunzja ghall-wirt ta' missieru b'riserva ghas-"sehem riservat", u pproceda bit-talbiet tieghu permezz tal-kaz odjern.

**Provi:**

**Audrey Ghigo**, in rapprezentanza tal-Bank HSBC Malta plc, xehdet (fol 62a, u 92-93)[1] dwar kontijiet bankarji f'isem id-decujus u pprezentat **Dok AG 1** (fol 63-80 u 98-115) dwar kont savings f'isem Richard Troisi li nfetah fit-30 ta'

[1] Seduta tal-11 ta' Jannar 2011, u seduta tal-15 ta' Gunju 2011.

Settembru 1998. Esebiet **Dok AG2** (fol 116-117) *fixed account* li nfetah fl-1 ta' Gunju 2000 u nghalaq fid-9 ta' Gunju 2001. Ipprezentat **Dok AG3** (fol 118-124) *fixed account* iehor li nfetah fis-17 ta' Jannar 1997 u nghalaq fid-19 ta' Frar 2001. Esebiet **Dok AG4** (fol 125 *et seq*) li kien kongunt ta' Georgina u Richard Troisi nfetha fit-2 ta' Jannar 1985 u nghalaq fit-28 ta' Awwissu 1998.

**Rosanne Galea** in rapprezentanza ta' Galea Insurance Brokers xehdet (fol 93-94)[2] li kellha klijent Anthony Troisi, li kien mar b'cekk f'isem Richard Troisi ta' National Savings Bank UK fl-ammont ta' 36,838.25 sterlina, fejn talab li ssarraf dan ic-cekk. Hi ppruvat tivverifika dwar is-sors ta' fondi izda Anthony Troisi kien qalilha li Richard Troisi u anzjan u ma setax johrog, in segwitu baghtet zewg ittri biex jikkonfermaw li m'ghandhomx problema li jissarraf ic-cekk, izda ma rceviet l-ebda risposta bil-miktub. Semmiet li Anthony Troisi kien ghamlilha pressjoni li tohrog ir-ricevuta wara li ssarfu, u kkonfermat li l-flus hadhom Anthony Troisi.

**Alfred Calamatta** in rapprezentanza ta' Calamatta Stock Brokers xehed (fol 94-97)[3] li fis-sena 2000 kien gie Richard Troisi ma' Profs. Joseph Troisi fejn kien ordna *transfer* fuq Joseph Troisi izda sussegwentement kien oggezzjona *stante* li Richard ma riedx jghaddi dan fuq it-tifel izda, hu kien lehaq ghamel 'selling and buying transaction' kif gie ordnat meta t-tnejn kienu marru personalment ghandu. Hu kkonferma li Profs. Joseph Troisi hallas l-ispejjez ta'

[2] Seduta tal-15 ta' Gunju 2011
[3] Seduta tal-15 ta' Gunju 2011

dawn. Hu pprezenta kopja ta' ittra li kien ircieva minghand Richard Troisi fejn kien qed joggezzjona, bhala Dok AC1 (fol 128), izda x-xhud qal li hu kien jaf lil Richard Troisi u jiddubita kienx jaf jikteb bl-ingliz, mentri din l-ittra kienet turi li min qed jikteb jaf tassew x'qed jikteb.

**Profs. Joseph Troisi** xehed permezz ta' affidavit (fol 160-167) fejn qal li r-relazzjoni ta' huh mieghu kienet hazina, fis-sens li ma kinux jitkellmu. Semma li r-relazzjonijiet kienu hziena hafna u lanqas biss kien mistieden ghat-tieg ta' huh. Qal li ghall-habta ta' Mejju 1983, kien mar missieru fejn kien jahdem u staqsih jekk riedx flus kontanti jew xi haga ohra u peress li hu u martu kellhom 'loan' tad-dar ghazel flus, li fil-fatt inkitbu fit-testment tal-gennituri tieghu ghal wara mewthom.

Semma li ommu ddahlet f'dar tax-xjuh f' Dicembru 1994, u missieru kien talbu johrog parti mill-ispejjez dwar dan u fil-fatt kien harighom, u mal-mewt ta' ommu, huh Anthony xorta baqa' ma jkellmux. Fil-frattemp, huh Anthony kien qed joqghod ma' missieru u kien jaghmel kull ma jrid huh, fil-fatt Anthony kien inhatar bhala prokuratur ta' missieru. Spjega li meta rnexxielu jottjeni kopja tat-testment tal-gennituri tieghu, ra li hu thalla biss it-Lm12,000 li lanqas biss seta' jiehu u ma kienx jaf x'kien qed jimblokka dan.

Semma wkoll li hu u missieru kienu marru ghand Calamatta Stock Brokers Ltd, bex jghaddilu investimenti li kellu fuq ismu, u fil-fatt hekk sar. Izda wara ntbaghtu ittri kemm bit-typewriter u kemm bil-kompjuter lid-Direttur ta'

Calamatta Stock Exchange u lilu personalment, allegatament minn missieru. Hu spjega li qed ighid allegatament minn missieru *stante* li jaf li missieru dak iz-zmien diga anzjan, ma kienx jaf juza typewriter u wisq anqas kompjuter. Fil-fatt, semma li x-xhud Alfred Calamatta kkonferma l-istess haga. Hu pprezenta kopja ta' dawn l-ittri.

Qal li missieru kien dahal fid-dar tax-xjuh fl-2002, fejn kien imur izuru, u sussegwentement missieru miet fis-27 ta' Dicembru 2008. Spjega li wara l-mewt tieghu, kien tkellem ma' avukat li sussegwentement infurmah li missieru kien ghamel testament iehor ghand in-Nutar Mario Felice. Hu qal li rrizultalu car, li dan it-testment kien influwenzat minn huh Anthony. Spjega li ma kienx fadallu triq ohra hlief li jipprocedi legalment, wara li rrinunzja ghall-wirt ta' missieru b'riserva ghas-sehem riservat peress li kien inkiser is-sehem riservat dovut lilu.

In **kontro-ezami** (fol 208a, fol 215-218, 298-301)[4], qal li qed jippretendi parti mid-dar biex jiehu sehmu minn dak li hemm. Qal ukoll li ha t-12-il elf sterlina investiti ghand Calamatta Brokers, hu rcevihom skont ittra Dok JT1 esebita a fol 168, u a fol 169 jidher kemm kien l-ammont. Sostna li dawn ma jidhlux fil-legittima. Semma li hu flus kontanti ma hax, ha biss *stocks*, u ma jistax jindika l-valur taghhom x'kien. B'referenza ghad-dok. A fol 205 l-ammont kien ta' tlett elef sterlina. Mistoqsi dwar investimenti ta'

[4] Seduta tat-30 ta' Ottubru 2013, Seduta tat-12 ta' Gunju 2014, seduta tat-12 ta' Gunju 2015.

Natwest u Petroleos Mexicanos li nqalbu fuqu, qal li qed isostni li dawn hadhom skont it-testment ghax fir-rigward tat-testment ta' ommu, hu qed jitlob nofs daqs huh. U min-naha, tal-missier qed jitlob biss il-legittima.

**Anthony F.X. Troisi de Menville** xehed permezz ta' affidavit (fol 205) fejn qal li hu u huh huma l-unici ulied ta' Richard u Georgina Troisi. Semma li hu kien jiehu hsieb missieru u ommu ghal aktar minn erbatax-il sena u mar joqghod maghhom biex idur bihom. Spjega li wara l-mewt ta' ommu, baqa' ighix ma' missieru fid-dar ta' Hal Balzan sas-sena 2000, meta mbaghad dahal go dar tal-anzjani. Semma u ta lista ta' l-assi ta' missieru, fosthom id-dar f'Hal Balzan, ishma fil-Maltacom u fil-BOV plc u diversi Malta Government Stocks. Qal li huh Joseph ha l-flus li kienu thallew lili fit-testment *unica charta* tal-genituri, billi ha l-ishma ta' Calamatta Stockbrockers li kienu jammontaw ghal Lm11,4 39.37.

Semma l-assi li ha huh Joseph, ha l-ammont ta' GBP12, 840.20, u esebixxa dokumenti AFX4 sa 8 dwar dan. Semma wkoll li huh Joseph ha l-ammont ta' GBP 4594.00 u esebixxa Dok AFX9 sa AFX 10 dwar dan. Qal ukoll li a bazi ta' Dok AFX 12 esebit huh Joseph ircieva f'ismu wkoll *account* bl-ammont ta' 3,000 sterlina.

Qal li missieru wara l-mewt ta' ommu, ta lilu b'donazzjoni is-sehem tieghu tad-dar f'Hal Balzan. Ikkonferma wkoll li missieru tah l-ammont ta' GBP36,310.01 msemmijin fit-tieni testament.

In **kontro-ezami** qal (fol 253-261, 264-290)[5], li dan l-ahhar ammont li rrefera ghalih fl-affidavit, missieru tahomlu permezz ta' cekk u l-flus kienu gew min-National Bank of Scotland. Qal li meta missieru kien mar ma' huh Joseph ghand Calamatta Stock Brokers, hu ma kienx prezenti. Gie mistoqsi allura kif jaf certa dettalji dwar dan, qal li meta missieru kien induna li dahku bih, kitbu ittra lil Calamatta, u kkonferma li l-ittra fil-fatt kitibha hu, anzi qal li hu kiteb aktar minn ittra wahda peress li hu kien il-prokuratur. Qal li d-dar ta' Hal Balzan xtrawha missieru u ommu, l-investimenti li semma fl-affidavit gew investiti matul il-hajja ta' missieru u ommu. Fir-rigward tal-investimenti tan-Natwest, qal li kien jaf li missieru ried jghaddihom lil huh, izda Joseph Troisi kien anticipah, u qabad u hadhom. Qal li fir-rigward ta' Dok AFX 10 dawn id-dokumenti gabhom minghand missieru.

Mistoqsi dwar id-dar ta' Hal Balzan, qal li hu wiret il-proprjeta` bhala legat mit-testment *unica charta*, u l-parti ta' missieru nghatat lilu bhala donazzjoni wara l-mewt ta' ommu. Rigward Dok AFX9 qal li missieru kien mar ghand in-Nutar Gatt u n-nutar kiteb dak li qal missieru, u mistoqsi kif giet f'idejh din l-ittra qal li missieru tah kopja. Izda, zied ighid li ma kienx prezenti hu ghand in-nutar, qal li ghadda l-formoli ghax missieru ried ighaddi l-flus lil huh Joseph u qal li l-flus tan-Natwest ghaddihom lil huh Joseph ghax kienet il-volonta` ta' missieru, ghalkemm huh Joseph ma ridhomx. Qal li ghad hemm Lm3,100 fi *stocks* li qeghdin f'ismu biex jghaddihom lil huh, semma li dawn kienu flus ta' missieru.

[5] Seduta tal-4 ta' Dicembru 2014, u seduta tad-29 ta' Jannar 2015.

Hemm ukoll sitt elef fi *stocks* li jrid jghaddi lil huh. Referut ghas-sentenza tat-tribunal esebita a fol 177 qal li l-ammont li jidher hemm jidher ukoll fit-testment ta’ missieru. Hu kkonferma li wara li tah id-donazzjoni ta’ sehem tad-dar missieru zamm l-uzufrutt, u kien biss mill-2008, mill-mewt ta’ missieru li hu kellu pussess esklussiv tad-dar.

Esebixxa dokumenti minn fol 303 sa 309 biex jispjega ghaliex ic-cekk ta’ missieru ma jaqbilx ma dak li hemm imnizzel fis-sentenza tat-tribunal.

Il-Qorti ser tittratta l-eccezzjonijiet sollevati.

**<u>L-ewwel Eccezzjoni</u>**

Din hija eccezzjoni fuq il-mertu u ser tigi kkonsidrata ulterjorment f'din is-sentenza.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

B'din l-eccezzjoni l-intimat isostni li l-proprjeta' f'Hal Balzan intiret minnu bhala legatarju u ghahekk ma tifformax parti mill-assi ereditarju. Dan mhuwiex korrett billi nofs id-dar giet assenjata lill-intimat b'donazzjoni matul il-hajja tat-testatur, u ghalhekk ghandha taghmel parti mill-ezercizzju ta' komputazzjoni u okkorrendo ta' riduzzjoni ghall-fini tad-determinazzjoni tal-parti disponibbli mill-assi ereditarju tad-decujus. Ghalhekk qed tigi respinta.

**<u>It-tielet eccezzjoni:</u>**

Fir-rigward ta' rinunzja ghall-wirt**, l-artikolu 860(1)** tal-Kap 16 jipprovdi li r-rinunzja ghall-wirt ma tistax tkun prezunta. F'dan il-kuntest, issir referenza ghall-kaz fl-ismijiet **Joseph Gauci et vs Jane Galea et** P.A. deciza fit-3 ta' April 2003 fejn intqal: *"…u allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-hwejjeg tal-wirt u ma jaghmlux atto di eredita`, huma jistghu, f'kull zmien jirrinunzjaw ghall-wirt. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell, f'kaz* ***Borg noe vs Camilleri et****, deciza fit-2 ta' Novembru 1995, qalet illi sakemm werriet ma jaghmel ebda atto di eredita`, jista' jirrinunzja u jitqies bhal li kieku qatt ma kien werriet*." Fil-kaz in ezami, r-rikorrent ipprezenta l-atti li pprezenta fid-Sekond' Awla, fejn irrinunzja ghall-wirt bir-riserva ghas-"sehem riservat".

Jirrizulta li r-rikorrent ressaq il-prova necessarja rigwardanti r-rinunzja tal-wirt u r-riserva ghas-"sehem riservat" permezz ta' **Dok JT8** esebit (fol 187-188). Fil-kaz in ezami, saret il-prova tar-rinunzja ghall-eredita` ta' missieru Richard Troisi, skont kif titlob il-ligi. **Ghalhekk, it-tielet eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.**

Tichad it-tielet eccezzjoni.

**Ir-raba' eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 845 tal-Kap 16.**

Illi gie eccepit li t-talba odjerna biex ir-rikorrent jippartecipa f'sehem indiviz, kif ukoll bhala prelegatarju fil-wirt ta' ommu Georgina hija preskritta.

Din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina principji ta' fatt u ta' dritt relevanti ghal dan.

Din l-eccezzjoni tirrigwarda l-preskrizzjoni decennali mid-data tal-mewt ta' Georgina Troisi li mietet fis-17 ta' Awwissu 1998 (fol 6). Il-kaz odjern, li hu kaz ghal-likwidazzjoni u hlas tal-legittima, gie pprezentat fit-13 ta' Ottubru 2009, u cjoe` hdax-il sena wara l-mewt ta' ommu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet, ir-rikorrent ikkontenda li t-terminu ta' zmien in kwistjoni mhuwiex zmien ta' dekadenza.

L-**artikolu 845 (1) tal-Kap 16** jipprovdi li:

"*l-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riservat, sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispicca bl-eghluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.*"

Fil-kaz **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 1954, inghad li:

*"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala 'petitio hereditatis' biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akwizittiva……..."*

*“Ghaldaqstant, barra mill-element passiv taz-zmien, hemm bzonn li jigi ppruvat ukoll l-element attiv tal-pussess. U dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kawzali, izda jrid ikun pussess formali, jigifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`, konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess “di diritto”…….*

*“Il-pussess tal-uzurpatur irid ikun ghalhekk, kontinwu, mhux interrott, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll “animo domini”. Dan il-pussess ghandu jigi ppruvat b’mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid ikollu l-pussess, u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.”*

Fil-kaz **Borg vs Zammit**, Appell Civili deciz fit-28 ta’ Marzu 1995, intqal, li z-zmien mahsub fl-artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta’ dekadenza, u ghandu minn zmien ta’ preskrizzjoni akwizittiva. (Ara wkoll **Ellul John vs Maria Parnis et**, P.A. deciza fl-14 ta’ Jannar 2014).

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi wkoll il-kawza **Joe D’Amico et vs David D’Amico**, P.A. (1254/02 JA) deciza fil-5 ta’ Dicembru 2003, saret referenza ghall-kaz **Alberto Grixti vs Angela sive Giulia Ellul**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta’ Dicembru 1939 fejn gie trattat is-suggett tal-preskrizzjoni decennali b’mod estensiv:

*"Hu indubitat li l-preskrizzjoni …..fuq imsemmija hija fin-natura taghha akwizittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien, il-possessur tal-eredita` jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita` jew fuq il-hwejjeg li jikkonponu l-legat u ghalhekk ikun jista' jirrespingi d-dritt ta' min jigi 'l quddiem li ghal dan id-dispozizzjoni ghandha natura estintiva."*

*"Ghalhekk dan il-pussessur kellu jipposjedi b'pussess tajjeb li jista' jippreskrivi u skont l-artikolu (dak iz-zmien 1882- illum 2118) mhux tajjeb ghal dan il-fini l-pussess tal-uzufruttwarju, ghaliex dan ikun qieghed jipposjedi mhux animo domini izda semplicement ghall-fini li jgawdi l-haga, jiehu l-frutti waqt il-hajja tieghu izda n-nuda proprjeta` tibqa' ghand haddiehor. Infatti, l-fondament ta' kull preskrizzjoni akwizittiva huwa dak li tevita l-kontestazzjonijiet peress li kull min ikun jipposjedi jkun mhux b'titolu prekarju kif inhu deskritt fl-artikolu msemmi) izda titolu propietatis et domini, jibqa' jzomm din il-haga in bona sew in malafede, pero` dejjem bl-animu li qieghed jipposjedi titolu propietatis u ghalhekk qed jaghmel att ta' dominju. Jekk dak l-istat ta' affarijiet baqa' jsehh ghaz-zmien li trid il-ligi u l-veru proprjetarju ma giex 'il quddiem, allura tkun operat ruhha l-usucapione favur dak il-possessur. Dawk pero` li jkunu qeghdin jipposjedu prekarjament, bhala uzufruttwarji ikun evidenti li huma qeghdin izommu l-haga ghan-nom ta' haddiehor u ghall-fini ta' dritt prekarju taghhom; ghalhekk, l-artikolu 1885 (illum 2121) jghid illi: No one can prescribe against his own title, in the sense that he cannot change in regard to himself the cause for which he holds the thing."*

(Ara wkoll **Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi**, PA, (81/07 JPG), deciza fis-7 ta' Novembru 2014).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jinghad li wara l-mewt ta' Georgina Troisi, zewgha beda jgawdi l-uzufrutt skont it-testment *unica charta* **Dok RA5**, kwindi mill-1998 sal-mewt tieghu fl-2008, ma kien hemm ebda perjodu preskrittiv ghaddej *stante* li l-pussess ezistenti kien wiehed prekarju, mhux kif rikjest mil-ligi f'kazijiet bhal dawn.

*In vista* tas-suespost, preskrizzjoni taht l-artikolu 845 tal-Kap 16 tibda tiddekorri biss mid-data li jittiehed pussess esklussiv. Illi l-prova ta' dan il-pussess bhala wiehed mill-elementi indispensabbli tal-preskrizzjoni akwizzittiva, tinkombi lil min jinvoka l-preskrizzjoni. Fil-kaz in ezami, ma jirrizultax li l-intimat gab prova fir-rigward tal-elementi necessarji rigwardanti l-pussess. Illi, ladarba kien ghadu qed jigi godut l-uzufrutt da parti tal-missier Richard Troisi, din il-preskrizzjoni fir-rigward tal-legittima tal-omm, ma tregix.

**Ghaldaqstant, tichad ir-raba' eccezzjoni tal-intimat dwar il-preskrizzjoni.**

**Il-Hames eccezzjoni:**

Illi l-intimat wiegeb li r-rikorrent ghandu jgib il-prova li ma ppartecipax fl-ebda *atto di erede*. Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal ir-rikorrent, fejn qal li wara l-mewt ta' missieru ma ha xejn mill-wirt ta' missieru. Jigi osservat, li

da parti tar-rikorrent hu pprezenta r-rinunzja ghall-wirt ta' missieru, u ma saret l-ebda *causa mortis*.

Illi din l-eccezzjoni tqajmet mill-intimat. Ghalhekk, il-prova necessarja tinkombi lil min jinvoka l-istess eccezzjoni. Illi l-intimat sostna li r-rikorrent ghandu jgib prova li ma wettaqx *atti di erede*. Jispetta lil min jallega, li jipprova dak sostnut. Hu pacifiku fil-grisprudenza nostrana, hi regola generali li l-piz tal-prova hu fuq min jafferma fatt, "*onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat*." (**Joseph Zammit vs Joseph Hili**) Vol XXXVII-I-578.

Illi tqies li l-intimat ma ressaqx provi li r-rikorrent fil-fatt, wettaq atti *di erede* jew ha pussess ta' l-eredita`.

**Ghalhekk, tichad il-hames eccezzjoni tal-intimat.**

Riferibbilment **ghas-sitt u ghas-seba' eccezzjonijiet**, il-Qorti frankament ma tifhimx il-bazi legali tas-seba' eccezzjoni u lanqas giet trattata fis-sottomissjonijiet tal-intimat. Il-qorti tifhem li l-intimat ma kienx qed jinsisti fuqha ghalkemm anke hawn, tikkummenta li ser jirrizulta li r-rikorrent, ghalkemm huwa legatarju fit-testment *unica charta* u fit-testment addizzjonali, effettivament ghadu ma thallasx dawn il-legati.

Rigward is-sitt eccezzjoni l-komputazzjoni tal-assi ereditarju u tal-kreditu dovut lir-rikorrent tabilfors trid tiehu in konsiderazzjoni id-donazzjonijiet li rcieva r-rikorrent tul

hajjet it-testatur Richard Troisi u qed tigi akkolta f'dan is-sens.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku:</u>**

Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti nnominat lill-perit tekniku Robert Musumeci, permezz ta' digriet datat 3 ta' Lulju 2014 (fol 243) biex jaghmel zewg stimi tal-proprjeta` formanti parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Troisi, u cjoe`, l-proprjeta` bl-isem "Troisi de Menville" fi Triq Gdida bla isem maghrufa New Street off Saint Francis Street, Hal Balzan. Iz-zewg stimi kellhom ikunu tal-valur fiz-zmien tad-donazzjoni, u l-valur fid-data tal-apertura tas-successjoni.

Fir-rapport tieghu esebit a fol 321 *et sequitur* tal-process, il-Perit mahtur mill-Qorti ivvaluta l-imsemmi fond fiz-zewg dati partikolari u kkonstata li l-valur fiz-zmien tad-donazzjoni kien jammonta ghal tlett mija u tmenin Ewro (€380,000). Illi l-valur fid-data tal-apertura tas-successjoni gie valutat fl-ammont ta' sitt mija u tmenin elf Ewro (€680,000).

Illi in segwitu, ma saritx talba ghal eskussjoni jew ghall-hatra ta' periti perizjuri.

**<u>Dritt:</u>**

Illi d-dritt ghal-legittima (llum maghruf bhala s-sehem riservat) *ai termini* tal-**artikolu 615 tal-Kap 16**, huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mil-ligi favur id-

dixxendenti tal-mejjet. Is-sehm riservat fil-kaz in ezami huwa ta' sest (1/6) tal-valur tal-beni tad-decujus, peress li f'dan il-kaz l-ulied huma tnejn, u ghalhekk jispetta lir-rikorrent mill-assi ereditarji ta' ommu (terz ta' nofs). (**artikolu 616 tal**-**Kap 16**).

**Torrente** f' "Manuale di Diritto Privato" p. 934 *et seq*., ighid:

*"Per determinare l'ammontare delle quote di cui il decuius poteva disporre devesi procedere:*

*a) alla formazione della massa di tutti i beni che appertenevano al defunto all'epoca della sua morte;*

*b) alla detrazione dei debiti*

*c) alla riunione fittizia delle donazioni al patrimonio netto."*

Ighid ukoll li *ai fini* tar-*riunione fittizia* "*si calcolano I valori dei beni che appartenevono al defunto al tempo dell'apertura della successione (ir relictum - cio che e' satato lasciato). Dalla somma stessa si detraggano i debiti…..Al risultato cosi ottenuta si aggiungono i beni di cui il testatore abbia eventualmente disposto in vita a titolo di donazione (donatum) di regola secondo il valore che avevano al tempo dell'apertura della successione. Sull'asse cosi formate si calcola la quota di cui il testatore poteva disporre (disponibile)."*

Illi sabiex din il-Qorti tasal ghall-komputazzjoni tal-legittima jehtieg illi fl-ewwel lok jigu kkonsidrati zewg punti ta' natura legali, u cjoe`, jekk il-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur tal-patrimonju tad-decujus filwaqt ta' mewtu, jew ahjar fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni, jew inkella l-legittima ghandhiex titqies fuq il-valur taz-zmien tal-likwidazzjoni tal-legittima nnifisha; u jekk il-legittima ghandhiex tithallas in natura jew inkella fi flus.

Illi l-principji gwida gew riassunti mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Emilia Maria sive Mollie Mifsud vs Eleonore sive Nellie Mizzi et**, deciza fl-14 ta' Dicembru 1973. F'dik il-kawza, l-Qorti kkonsidrat li:

*"…in sustanza, l-kontestazzjoni hija impernjata fuq il-valur tal-beni fil-mument tal-apertura tas-successjoni tal-awtrici komuni, u mhux fuq il-valur taz-zmien li fih issir il-likwidazzjoni tal-legittima."……" f'materja ta' natura ta' likwidazzjoni u mod ta' pagament ta' legittima invero giusta la legge patria la legittima e` solo una porzione dei beni del defunto, e non gia parte di un eredita`."*

Fil-kaz in ezami, t-testatur, iddispona mis-sehem tieghu tal-proprjeta` msemmija fir-rikors permezz ta' donazzjoni lil ibnu Anthony, l-intimat. (Dok AFX 13 esebit ma' l-affidavit tal-intimat). Illi apparti dan, d-defunt ta donazzjonijiet ohra *inter vivos*. Ghalhekk, *ai fini* tal-komputazzjoni tal-legittima, l-assi ereditarji ghandhom jigu rikostitwiti.

Din il-konsiderazzjoni hija essenzjali ghaliex kif gie ben spjegat fis-sentenza fuq riferita ddistingwiet bejn dawk il-kazi fejn l-istima tal-beni komponenti l-legittima ghandhom isiru skont il-valur taghhom fl-epoka tal-apertura tas-successjoni, u dawk il-kazijiet fejn l-istima ssir fil-mument meta tintalab il-likwidazzjoni. L-ewwel ipotesi ghandu japplika fejn id-divizjoni ssir bis-sahha tat-testment fejn id-decujus ikun halla li l-legittima tigi stabbilita fuq certi u determinanti beni. "*Ghalhekk mhux il-kaz li jistghu japplikaw ghal dik il-parti tal-assi hekk segregati, il-principji tal-komunjoni tal-beni.*" Fejn dan mhux il-kaz, "*il-kwota tal-beni spettanti l-legittimarju tibqa' konfuza fl-indivizabilita` taghha tal-patrimonju tal-eredi u ssir certa u determinata* <u>*biss*</u> *(enfasi ta' din il-Qorti) fil-mument tal-likwidazzjoni u assenjazzjoni taghha."* F'tali kaz japplikaw il-principji li jirregolaw il-komunjoni tal-beni, inkluz sehem mill-frutti tal-beni li jikkomponu l-legittima mill-apertura tas-successjoni **(Kollez. XXXIV.II.568**), jew is-sehem mill-prezz tas-suq li l-fond igib f'licitazzjoni fejn il-wirt jikkonsisti f'fond uniku, skont il-valur prevalenti fiz-zmien tal-bejgh, (Ara ed ez. **Giuseppe Sammut vs Grazia Refalo et**- App. Civ. Deciz fit-30 ta' Gunju 1954 – Kollez. XXXVIII.II.511). F'dawn ic-cirkostanzi, "*il-kwota spettanti lil-legittimarju m'ghandhiex tigi stmata skont il-valur taghha fl-epoka tal-apertura tas-successjoni….sakemm il-legittimarju jibqa' in komuni fil-beni ereditarju mal-eredi m'ghandux isofri disparita' ta' trattament ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-beni in komun…..".*

Ghalhekk, il-Qorti tal-Appell fil-kaz **Mifsud vs Mizzi et**, fuq citat in extenso kkonkludiet li *"l-patrimonju ereditarju sakemm ma tigix segregata l-legittima, huwa uniku u inseparabbli mill-beni li jofformaw il-legittima ghaliex il-kuncett unitarju jifforma l-isem guridiku tal-eredita`…..u l-istima tal-beni formanti parti mill-porzjon spettanti lill-attrici bhala legittima ghandha ssir skont il-valur taghhom fis-suq tal-lum, u mhux dak prevalenti fl-epoka tal-apertura tas-successjoni."* F'dan l-istess kaz **Mifsud vs Mizzi et**, gie ribadit li l-valur tal-legittima bhala parti mill-gid tal-mejjet trid tinhadem fuq il-valur tal-wirt kollu konsiderati l-assi u wara li jitnaqqsu l-ispejjez.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Mary Anne Zammit et vs Antonia u Bernarda ahwa Ellul** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 fejn gie segwit dak li nghad fis-sentenzi sureferiti: -

*"…..<u>ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' kompitu li hi r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus</u> (li l-ligi tikkonsidra bhala terminu ta' referiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta – dik li tidher kwistjoni centrali f'dan il-kaz – tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima) <u>bilfors wiehed irid jirraporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien ta' l-apertura tas-successjoni tenut kont naturalment f'dan ir-rigward tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni……</u>" (enfasi ta' dik*

*il-Qorti)…..”.* Fl-istess sentenza, dik il-Qorti izda kompliet hekk:

*“Dan il-principju jezawrixxi ruhu fil-fissazzjoni tal-kriterju li ghandu jigi segwit ghall-kalkolu tal-valur ta’ l-assi u tal-kwota legittima; izda jekk il-legittima ma gietx sodisfatta u trattandosi ta’ beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta’ kreditu ta’ flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett ‘un bene reale’ u l-‘aestimatio rei’ ghandha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverzjoni, cioe` z-zmien l-aktar qrib possibli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk ta’ xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja.”*

Illi fil-fatt, fil-kaz **Dr. Chris Said noe vs Mary Abela**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Mejju 2010,, inghad li jekk jirrizulta li l-legittima ma tistax tigi sodisfatta u allura tikkonverti ruhha fi dritt ta’ kreditu ta’ flus, il-valuri li jridu jittiehdu sabiex tinhadem il-legittima ghandhom ikunu dawk l-iktar vicin tas-sentenza. (L-istess principju gie ribadit fil-kaz **Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Jannar 2005u **Salvatore Cutajar et noe vs Maria Dolores Cutajar et noe** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Gunju 2009.)

**Emendi introdotti bl-Att XVIII tal-2004**

**L-artikolu 615 tal-Kap 16** kif emendat jistipula:

*(1) "Is-sehem riservat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa' haj."*

*(2) "l-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riservat kontra l-beni tal-mejjet. Imghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem riservat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta' sentejn; izda l-Qorti tista' fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta' imghax li tista' tkun inqas minn dik stipulat fl-artikolu 1139."*

Ikkonsidrat li ghal zmien twil, il-ligi kienet tqis is-sehem riservat bhala parti mill-gid tal-mejjet (*Quota bonorum*) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (*hereditatis portio*) u ghalhekk il-legittimarju ma kienx semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jircievi). Il-legittimarju, ghalhekk, ma jitlifx il-jedd ghal-legittima jekk kemm-il darba jirrinunzja ghall-wirt, u ma jistax jippretendi dak li jmissu b'legittima qabel ma jkun irrinunzja ghall-wirt. (Ara **Debono vs Licari et** P.A. deciza fis-16 ta' Dicembru 1954 (**Kollez. Vol. XXXVIII.ii.620**). Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem riservat tieghu ikun ghadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt

tad-decujus. (Ara **Farrugia noe et vs Mintoff noe et** App. Civ. Deciz fl-10 ta' Gunju 1949 Kollez. Vol. XXXIII.i.472).

Illi minn dan kien isegwi li idealment il-legittima trid tinghata in-natura,[6] jigifieri tkun maghmula minn fost il-hwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu ghadhom jaghmlu parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew ikunu ddahhlu lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu iddispona b'liberalita` minn izjed minn dak li tahtih il-ligi.

Illi minhabba l-emendi li dahlu fis-sehh permezz ta' l-Att XVIII ta' 2004, sar tibdil radikali fir-rigward tal-legittima, li issa tissejjah porzjoni rizervata, fis-sens li d-dritt hu kreditu tal-valur tal-porzjon riservat fil-konfront tal-eredita`. B'hekk, tnehha l-kuncett tas-sehem tal-beni tal-mejjet.

Inoltre`, mid-data tal-ftuh tas-successjoni, imghax bir-rata legali jiddekorri fuq il-kreditu jekk il-porzjon riservat hu miltub fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni jew mid-data tan-notifika ta' ittra ufficjali jekk it-talba ssir wara l-imsemmija sentejn. Skont id-disposizzjoni transitorja fl-Att XVIII, dawn l-emendi japplikaw ghal successjonijiet li jsehhu wara li l-provvedimenti relattivi jidhlu fis-sehh (l-1 ta' Marzu tas-sena 2005[7]).

Illi fil-kaz odjern, id-decujus Richard Troisi miet fis-27 ta' Dicembru 2008, ghalhekk m'hemmx dubju li ftuh tal-wirt tieghu sar wara d-dhul fis-sehh tal-emmendi. Ghalhekk, il-

[6] P.A. 22.5.1950 fil-kawza fl-ismijiet **Wismayer et vs Wismayer et** (Kollez. Vol. XXXIV.ii.574.
[7] LN. 48 of 2005

ligi applikabbli hija l-ligi bhalissa vigenti li taghmilha cara li d-dritt ghall-porzjon riservat huwa kreditu kontra l-eredita`.

Ghalhekk, ir-rikorrent talab kreditu u anke imghaxijiet *stante* li din il-kawza gietipprezentata fit-13 ta' Ottubru 2009, u cjoe` entro t-terminu ta' sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni.

**Legat:**

Illi fil-kaz in ezami, ir-rikorrent qed isostni li peress li missieru qabez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, hemm lezjoni tal-legittima. Ghaldaqstant, din il-Qorti ghandha tistharreg dwar dan. Izda, sabiex isir dan l-ezercizzju, irid jigi kkonsidrat jekk thalliex legat, u jrid jigi kkonsidrat ukoll dak ricevut minghand it-testatur *inter vivos* li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem riservat thallasx. Illi fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem disponibbli, irid isir l-ezercizzju maghruf ta' riduzzjoni *ai termini* tal**-artikolu 650- 653 tal-Kap 16**. Illi fejn it-testatur ma jkunx qabez dak is-sehem, il-legati ma jintmissux.

Hekk l-**artikolu 651 tal-Kap 16** jipprovdi:

"*Kemm- il darba d-dispozizzjonijiet b'testment ikunu jaqbzu s-sehem li minnu seta' jaghmel it-testatur, jew il-bicca ta' dan is-sehem li tibqa' wara li jinqata l-valur tad-donazzjonijiet, it-tnaqqis isir pro rata, minghajr ebda ghazla bejn werrieta u legatarji.*"

Fil-kaz in dizamina t-testatur, meta ghamel it-tieni testament tieghu, **Dok RA 8** (fol 28-30), ma rrevokax it-testment *unica charta* precedenti. Anzi, fit-tmien artikolu tat-tieni testament, hemm stipulat specifikament li kien qed jikkonferma t-testment *unica charta* fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt in kwantu kompatibbli mat-testment addizzjonali tieghu.

Illi permezz tat-testment *unica charta*, l-intimat kien thalla l-prelegat tad-dar "Troisi de Menville" f' Hal Balzan. Illi izda, wara l-mewt tat-testatrici, it-testatur ta b'donazzjoni lill-intimat sehemu ta' nofs (1/2) mid-dar oggett tal-legat. Dan is-sehem hekk regalat ghandu jinghadd lura mal-valur tal-assi skont il-valur fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni sabiex jigi kkalkolat il-porzjoni disponibbli.

**Principji relatati ma' hlas tal-legittima (sehem riservat):**

Referibbilment ghall-principji enuncjati fis-sentenza L-**Avukat Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe,** riprodotta mill-Qorti tal-Appell, inghad:

*"(i) illi d-dritt assolut tad-disposizzjoni tal-proprjeta` huwa limitat mill-fakolta` ta' xi disposizzjoni b'titolu gratuwitu, meta d-disponenti jkun halla superstiti cert parenti. F'dan is-sens il-kapacita` tal-bniedem li jiddisponi b'testment mhix illimitata, l-ghaliex id-decujus ma jistax jiddisponi qabel ma jkun gie nieqes mill-beni tieghu kollha, izda minn parti minnhom biss. Fi kliem iehor, apparti l-limitazzjoni dwar*

*certi persuni, il-kapacita' u l-fakolta tad-dispozizzjoni per mezz ta' attijiet ta' l-ahhar volonta` hija wkoll limitata ghall-kwantita` tal-beni.*

*(ii) Il-legittima hija sehem mill-beni tal-mejjet (**art. 615 tal-Kodici Civili**); "Il-legittimarju ma hux eredi; imma lanqas huwa kreditur ta' l-eredita`; huwa biss ghandu porzjoni mill-beni li halla d-decujus li hija riservata lilu mil-ligi."* (**Carmela Farrugia noe et vs Concetta Mintoff et** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Gunju 1949 - Vol.XXXIII.472);

*(iv) "ghall-finijiet ta' kalkolu tas-sehem riservat, 'si calcola sull intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie'* (Vol.IX pg.297).

(v) *Galadarba ghalhekk "skont il-ligi taghna l-legittima hija biss kwota mill-beni li jhalli d-decujus, dan allura, kif gja inghad jista' jiddisponi kif irid mill-beni tieghu, minghajr distinzjoni tal-ispecji taghhom, imma biss bil-limitazzjoni tal-kwantita`.  Jigifieri sakemm id-decujus ma jeccedix il-kwota disponibbli tal-beni tieghu u ma jilledix il-legittima, huwa jista' jaghmel li jrid bil-kwota disponibbli, u mhux obbligat ihalli lil-legittimarju determinati speci ta' beni………. Konsegwentement, meta d-decujus ihalli xi legat jew jaghmel xi donazzjoni, il-legittimarju ma jistax jinjora dak il-legat u jitlob li parti mill-beni li jikkomponu dak il-legat tigi mdahhla fil-legittima u tigi assenjata lilu.  Dak il-legat jew dik id-donazzjoni ghandhom jigu mehuda in kunsiderazzjoni biss ghall-fini tal-kalkolu tal-legittima, u*

*jkun hemm lok ghal riduzzjoni taghhom f'kaz li din tigi leza."*[8]

**Stima Peritali:**

Mhuwiex kontestat x'inhuma l-assi formanti parti mill-eredita` tad-decujus Richard Troisi. Madankollu, hemm kontestazzjoni principali dwar il-valur tal-proprjeta`` bl-isem "Troisi de Menville" f' Hal Balzan. Fil-fatt, kemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat, u kif ukoll fit-trattazzjoni, l-avukat difensur tal-intimat issottolinea li l-Qorti ghandha toqghod fuq il-valur moghti mill-Perit Valentino li kien ta stima *ex parte* dak iz-zmien. Illi ghalhekk, da parti tal-intimat saret oggezzjoni ghall-valuri moghtija mill-Perit Tekniku nominat mill-Qorti.

Jigi osservat fl-ewwel lok, li l-intimat ma talabx la ghal eskussjoni tal-Perit Tekniku u lanqas ghal hatra ta' periti perizjuri kif kellu kull dritt li jaghmel skont il-ligi. Illi gie sottomess biss li jaqbel aktar mal-istima moghtija mill-Perit Valentino li ta l-valur tieghu fit-3 ta' Frar 1999. (Dok AFX 3A) esebit ma' l-affidavit tal-intimat.

Din il-Qorti tinsab f'sitwazzjoni fejn ghandha zewg stimi tal-Perit Tekniku, ghal zewg perjodi differenti, u cjoe`, ghaz-zmien tad-donazzjoni, l-ammont huwa (€380,000), u fi zmien il-ftuh tas-successjoni, l-ammont huwa ta' (€680,000). Min-naha l-ohra, l-istima *ex parte* tal-Perit

[8] Ara wkoll **Joseph Vella vs Anthony Bezzina et**, Appell Civili deciz fl-20 ta' Novembru 1986, u **Grace Debattista et vs Maria Lia et** P.A. (AF) deciza fl-4 ta' April 2016.

Valentino li nghatat precedentement, hija ferm anqas, fl-ammont ta' (Lm44, 480) ekwivalenti ghal €103,610.

Jigi ritenut li ghalkemm il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha, fl-istess waqt dak ma jfissirx li "*l-Qorti dan tista' taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li m'ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami.*" (Ara **Grima vs Mamo et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju 1998)[9].

Fil-kawza fl-ismijiet **Louis Gauci vs Angela Attard** deciza mill-P.A. fid-9 ta' Dicembru 2002 gie osservat li:-

*"…il gudizio dell' arte espress mill-espert nominat minnha mhux facli li jigi skartat. Biex taghmel dan il-Qorti jehtigilha tara jekk fil-kumpless tac-cirkostanzi dan il-gudizzju huwiex wiehed irragjonevoli jew priv minn dawn l-elementi assodanti li jwasslu ghall-konvinciment."*

Ghalhekk qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoniji ta' tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat anke fejn mehtieg mil-lat tekniku. ("**Cauchi vs Mercieca**", deciza mill-Qorti tal-

---

[9] Ara wkoll **Carmel Grima et vs Saviour Grima**, P.A. deciza fit-28 ta' Jananr 2016.

Appell fis-6 ta' Ottubru 1999, u "**Saliba vs Farrugia**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2000).

Madankollu, dan ma jfissirx li l-Qorti m'ghandhiex tqies b'lenti kritika l-opinjoni teknika. Ikkonsidrat li l-kaz in ezami jitratta talba ghall-hlas ta' somma likwida u mhux ta' beni in natura. Illi kif gie ribadit fis-sentenza supra citatat Emilia **Maria Mifsud vs Eleonora Mizzi et**, jekk il-legittima ma gietx sodisfatta id-dritt tal-legittimarju, fid-dritt ta' kreditu ta' flus, ghandu jkun referit ghaz-zmien tal-konverzjoni, u cjoe` z-zmien l-aktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali, tenut kont ta' xi sopravenuta zvalutazzjoni monetarja. Dan hu bhala l-eccezzjoni ghar-regola li ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju tal-mejjet wiehed bilfors irid jirraporta ruhu ghall-valuri fi zmien tal-apertura tas-successjoni.[10]

Illi applikati l-principji addottati mill-Qrati taghna fuq riferiti din il-Qorti ser taddotta il-valur tal-fond fiz-zmien tal-ftuh tas-successjoni ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari li hi r-riunjoni fittizja ta' l-assi ereditarji in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decujus u dan sabiex jigi determinat il-kwota disponibbli. Dan hu fl-ammont ta' nofs (1/2) il-valur ta' €680,000 cioe` €340,000.

**<u>Talbiet:</u>**

**Likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti:**

[10] Ara 1254/02 JA – P.A. deciza f'D'Amico Joe vs D'Amico David et deciza fis-26 ta' Ottubru 2009.

**<u>Immobbli:</u>**

Il-proprjeta` bl-isem "Troisi de Menville", fi Triq il-Gdida bla isem maghrufa New Street off St. Francis Street, Hal Balzan. Valur fiz-zmien tad-donazzjoni kif stmat mill-espert nominat mill-Qorti €680,000

**<u>Flus u investimenti:</u>**

- Depoziti bankarji f'isem iz-zewg konjugi Richard u Georgina Troisi.
- Kont kongunt Nru. 164126787 fl-ammont ta' €1,014.81.

**<u>Investimenti</u>:**

- Investimenti Dok AC1 (fol 128) fl-ammont ta' Lm11,439.37.
- Investimenti f'Natwest (AFX 4 – AFX7) f'isem *Richard Troisi and others.*
- Investimenti f' Lloyds TSB (Petroleus Mexicanos)(AFX10).
- Investimenti f' *National Savings & Investments Glasgow* (hekk kif dikjarat anke fit-testment addizzjonali ta' Richard Troisi wara l-mewt ta' martu).

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' GeorginaTroisi**:

It-testatrici halliet prelegat konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti tal-bungalow (li hija l-mertu tal-kontestazzjoni

kollha fil-kaz odjern), inkluz l-oggetti kollha, mobbli u oggetti prezzjuzi li jinsabu fil-fond. Dan il-prelegat mhuwiex kontestat.

Inoltre t-testatrici halliet prelegat ta' Lm12,000 konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti lir-rikorrent. It-testatur Richard Troisi, fit-testment addizzjonali tieghu, hassar dan il-prelegat kwantu ghal sehemu. B'hekk ir-rikorrent ghandu dritt ghas-sehem ta' nofs (1/2) mill-prelegat u cioe` Lm6000. Il-Qorti tikkondividi t-tezi tieghu li ma thallasx dan il-prelegat u ghalhekk hu dovut in-nofs (billi huwa eredi flimkien ma' huh[11]) ammontanti ghal €6,988.12 (li jekwivali ghall- LM3000) ricevibbli minghand huh.

Inoltre sehemu mill-assi bankarji u finanzjarji jammonta ghal €1,402.37 skont kif komputat a fol 354 tan-nota tal-attur.

**B'kollox il-konvenut ghandu jhallas lill-attur bhala sehemu mill-wirt ta' Georgina Troisi s-somma ta' €8,390.49. Dan ma giex ikkontestat mill-intimat.** Billi dan l-ammont hu gja ridott ghall-kwart (1/4) dovut lir-rikorrent, il-Qorti ser tordna li din is-somma tithallas mill-intimat u mhux mill-assi ereditarju.

## Is-sehem Riservat fuq l-Assi Ereditarju ta' Richard Troisi

[11] *Vide* Bart 733 u 734 tal-Kap.16

Il-ligi taqsam il-gid tad-decujus fi tnejn, dik disponibbli u dik li mhijiex. Il-parti mhix disponibbli tigi kalkolata a bazi tal-**artikolu 616 *et sequitur* tal-Kap 16**. Ghalhekk, biex tigi komputata l-legittima, iridu jizdiedu ma' l-assi ezistenti fil-mument tal-mewt, id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur *inter vivos*.[12]

Fil-kaz in ezami, gew ipprezentati zewg eccezzjonijiet ulterjuri fejn inghad fl-ewwel lok, li d-donazzjoni tal-proprjeta` ma taqbizx is-sehem li d-donatur seta' jiddisponi minnu, u fit-tieni lok, gie eccepit li l-intimat ircieva biss in-nofs indiviz bhala donazzjoni minghand missieru fir-rigward tal-proprjeta` f' Hal Balzan. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, fejn gie rilevat li l-valur tad-donazzjonijiet inkluz id-donazzjoni ta' nofs indiviz tal-proprjeta` donata mill-intimat taqbez is-sehem riservat, kif ser jintwera aktar 'il quddiem. Inoltre`, dak kollu li gie donat iridu jinghaddu mal-assi ereditarji, *ai fini* tal-komputazzjoni tas-sehem riservat.

Il-Qorti ser tghaddi biex taghmel l-ezercizzju rikjest mil-ligi u cioe`:

i. Il-formazzjoni tal-massa ereditarja fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni.

ii. it-tnaqqis tad-dejn.

---

[12] Artikolu 648 tal-Kap 16.

iii. ir-rijunjoni fittizja ta' donazzjonijiet mal-patrimonju nett.

Ikun utili li tindirizza d-donazzjonijiet li saru lill-kontendenti ghall-fini tar-rijunjoni fittizja qabel ma tghaddi ghall-formazzjoni shiha tal-eredita' ta' Richard Troisi billi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet kienet fuq dan il-punt.

**Donazzjoni lill-Intimat**

Illi gie sostnut mill-intimat, in kontro-ezami li rcieva l-ammont ta' Lm2,000 kontanti f'donazzjoni minghand missieru. Illi huwa sostna li l-ammont kien f'ewro, filwaqt li gie sostnut da parti tar-rikorrent li l-ammont kien f'Liri Maltin. *Stante*, li stabbilit li l-ammont kien inghata qabel l-2008, dan l-ammont kien ta' Lm2,000 ekwivalenti ghal (€4,658.75).

Referibbilment ghall-ammont ta' Lm3,100 ekwivalenti ghal (€7,221.06) msemmija mir-rikorrent, l-intimat semma fix-xhieda tieghu a fol 269 li ha nofs dan l-ammont. Izda, r-rikorrent sostna li dawn ittiehdu kollha mill-intimat. Fil-fatt, jirrizulta mill-atti, li dawn hadhom kollha.

Illi gie ammess mill-intimat stess li kien ircieva cekk fl-ammont ta' (GBP36,838.25) ekwivalenti ghal (€54,865.76) bhala donazzjoni. Dan gie kkonfermat mix-xhud Rosanne Galea ta' Galea Insurance Brokers Ltd. (fol 93-94).

Illi fix-xhieda tieghu in kontro-ezami (fol 289), l-intimat ikkonferma li kellu fil-pussess tieghu l-ammont ta’ Lm560 ekwivalenti ghal €1,304.45.

Illi jirrizulta li l-intimat ircieva nofs indiviz tas-sehem tal-proprjeta` msemmija bl-isem “Troisi de Menville” f’ Hal Balzan, permezz ta’ kuntratt ta’ donazzjoni esebit bhala AFX 13 ma’ l-affidavit tal-intimat fid-29 ta’ Dicembru 1999.

Illi huwa kontestat ukoll jekk l-intimat irceviex tlett ammonti fir-rigward ta’ bank *statements* li kienu ezistenti f’isem Richard Troisi. Izda, mid-dokumenti esebiti fl-atti, hemm indikat li dawn gew trasferiti f’isem l-intimat. Dawn huma tlett ammonti konsistenti, f’Lm1,300 ekwivalenti f’(€3,028.19). Jirrizulta minn Dok a fol 110 li dan gie trasferit f’isem l-intimat. Jirrizulta wkoll, li f’Mejju u f’Lulju tal-1998 l-intimat ircieva €1,458.91, ammont iehor €1,953 a fol 77.

**Ghaldaqstant l-intimat ircieva f'donazzjonijiet minghand missieru fi flejjes l-ammont ta' €74,490.02** filwaqt li f'donazzjoni ta' immobbli rcieva s-sehem ta' nofs il-bungalow stmat fil-valur dan in-nofs ghal €340,000, b'total f'donazzjonijiet ta' €414,490.02.

**Donazzjoni lir-rikorrent:**

Illi mhuwiex ikkontestat li r-rikorrent iricieva Lm11,439.37 f’investimenti, meta ssarrfu. Is-segwenti ammonti jinsabu

elenkati f' **Dok AC1** (fol 128) esebit minn Alfred Calamatta. Il-valur komplessiv kien ta' Lm11,439.37).

L-ammont ta' Lm11,439.37 kienu minn *stocks* u investimenti appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, ghalhekk, l-attur ircieva minghand missieru f'hajtu nofs dan l-ammont, li jigi ekwivalenti ghal €13,323.29.

| | |
|---|---|
| Hu rcieva *shares* fil-Maltacom plc | fl-ammont ta' Lm100 |
| Shares fil-BOV (MT0000020116) | fl-ammont ta' Lm84 |
| Malta Govt. Stock 2002 (7.75%) | fl-ammont ta' Lm3,200 |
| Malta Govt. Stock 2003 (7%) | fl-ammont ta' Lm1,600 |
| Malta Govt. Stock 2004 (6.7%) | fl-ammont ta' Lm1,200 |
| Malta Govt. Stock 2006 (7%) | fl-ammont ta' Lm1,000 |
| Malta Govt. Stock 2006 (7.25%) | fl-ammont ta' Lm3,100 |
| | **Lm10,284** |

Illi r-rikorrent ircieva wkoll ammonti minn investimenti ta' **(Loyds TSB) Petrolium Mexicanos**. Izda, dawn jirrizultaw li gew trasferiti lill-istess rikorrent ad insaputa tieghu. Dan jirrizulta minn dokumenti esebiti mill-intimat ma' l-affidavit tieghu. **Dok AFX10B**, fejn l-attur ircieva terz biss ta' GBP4954, (peress li l-kont kien f'isem tlett persuni) u cjoe`, GBP 1,651.339 ekwivalenti ghal (€2,384.87).

Investimenti tan-**Natwest**, ircieva (GBP3, 210) ekwivalenti ghal (€4,635.92), kif jirrizulta minn Dok AFX7B.

Investimenti ta' National Savings & Investment (NS&I), ir-rikorrent rega' rcieva terz ta' l-ammont li kien hemm, fl-ammont ta' (GBP1,000) ekwivalenti ghal (€1,444.21).

**Ghaldaqstant l-attur ircieva f'hajtu minghand missieru total ta' €21,788.29**

**Komputazzjoni tal-legittima:**

Il-Qorti ser tezamina jekk id-decujus Richard Troisi marx oltre` l-parti disponibbli tal-wirt tieghu, tenut kont tas-'sehem riservat'.

Jirrizulta li l-prelegat li thalla fuq l-immobbli huwa konsiderevoli. Jirrizulta li permezz tat-testment addizzjonali tad-decujus, id-dritt ghas-sehem riservat gie lez.

**L-Assi Ereditarju ta' Richard Troisi:**

**Dawn huma konsistenti f'dan li gej:-**

Jirrizulta li l-beni tad-decujus fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni jammontaw ghal **€451,989.35** [13] u cioe`:

**Flus il-Bank**

Kont HSBC Savings 016-035800-050 – €1733.94 (**Dok AG1** (fol 63-80)

[13] Nofs il-bungalow kien gja mholli fi prelegat bit-testment *unica charta*, ghalkemm konsegwibbli wara l-mewt tas-superstiti u ghalhekk ma kienx jifforma parti mill-assi ereditarju ta' Richard Troisi.

**Investimenti f'isem Richard Troisi**

Malta Govt. Stocks 2015 (6.1%) (**Dok RS2** fol 152-154) - fl-ammont ta' €13,977.

Donazzjoni lir-rikorrent
€21,788.29

Donazzjoni lill-intimat
€414,490.12

**Total: €451,989.35**

Fuq din il-massa ereditarja ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem riservat.

**Is-Sehem Riservat Dovut lir-rikorrent.**

Illi peress li l-ulied ma jaqbzux l-erbgha, id-dixxendenti kienu tnejn, ossia, l-partijiet fil-kawza, s-sehem spettanti bhala riservat lid-dixxendenti huwa terz (1/3) kull wiehed, kwindi s-sehem riservat tar-rikorrent huwa sest (1/6) mill-valur tal-massa ereditarja, li jissarraf fi kreditu ta' €75,331.56 pagabbli lir-rikorrent wara li jitnaqqas l-ammont ta' €21,788.29 li kien ha f'donazzjoni.

**Kwindi, l-ammont li ghandu jissarraf fi kreditu lir-rikorrent hu tlieta u hamsin elf, hames mija u tlieta u**

**erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€53,543.27).**

Jirrizulta car li l-valur tal-assi disponibbli ma jissoddisfax il-kreditu riservat *stante* d-donazzjonijiet li saru favur l-intimat u kwindi t-talbiet tal-attur ghandhom jigu milqugha.

Inoltre billi l-kawza odjerna giet istitwita fi zmien sentejn mill-ftuh tas-successjoni, ir-rikorrent ghandu l-jedd ghall-imghaxijiet legali fuq il-kreditu dovut lilu.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati ghajr ghas-sitt eccezzjoni safejn din hija inkompatibbli ma' din is-sentenza, u tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrent kif gej billi tiddikjara li r-rikorrent ghandu jithallas is-sehem riservat mill-intimat *stante* dak li jirrizulta mill-komputazzjonijiet maghmula f'din is-sentenza u cioe`:

1) Tilqa' l-ewwel talba u tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn id-defunti Richard u Georgina Troisi fl-assi immobbli u mobbli kif murija f' **"Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti".**

2) Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-assi partikolari ta' Richard Troisi fl-assi kif murija f'"**L-Assi Ereditarju ta' Richard Troisi."**

3) Tilqa’ t-tielet talba u tillikwida l-assi ta’ Georgina Troisi fl-assi immobbli u mobbli kif murija f’ “**Likwidazzjoni tal-assi ta’ Georgina Troisi”.**

4) Tilqa’ r-raba’ talba u tordna l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat li thalla lir-rikorrent minn Georgina Troisi liema prelegat huwa komputat fil-hames talba.

5) Tilqa' l-hames talba u taqsam l-assi ereditarju hekk likwidati ta’ Georgina Troisi f’ zewg ishma, billi tassenja s-sehem tar-rikorrent fl-ammont ta’ tmient elef, tliet mija u disghin ewro lir-rikorrent (€8,390) li jinkludi s-sehem mill-prelegat dovut lir-rikorrent, li ghandu jithallas lilu mill-intimat, filwaqt li l-istess intimat izomm il-bilanc rimanenti, u dan bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza.

6) Tillikkwida s-sehem riservat dovut lir-rikorrent mill-eredita` tal-missier Richard Troisi fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€53,543.27) kif likwidat f’ "**Is-Sehem Riservat Dovut lir-rikorrent".**

7) Tordna lill-intimat ihallas is-sehem riservat lir-rikorrent fl-ammont ta’ tlieta u hamsin elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€53,543.27) flimkien ma’ l-imghaxijiet legali fuq l-istess ammont dekorribbli mill-ftuh tas-successjoni fis-27 ta' Dicembru 2008 sal-pagament effettiv.

8) Tilqa' t-tmien talba u tinnomina lin-Nutar Mary Grech Pace sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Rachael Bonello u l-PL Edgar Montanaro biex jirrapprezentaw lil eventwali kontumaci u tappunta id-data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ghal nhar il-Hamis 6 ta' Ottubru 2016 f'nofsinhar fl-edificcju tal-Qrati Superjuri l-Belt, Valletta.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Gunju 2016**